

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

---

21.5.2007

0052/2007

## **DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB**

skond l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura

minn Antonios Trakatellis, Françoise Grossetête, Karin Jöns, Philippe Busquin  
u Adamos Adamou

dwar il-ħtieġa għal strateġija komprensiva għall-kontroll tal-kanser

Data ta' skadenza: 27.9.2007

PE 389.915

0052/2007

**Dikjarazzjoni bil-miktub dwar il-ħtieġa għal strateġija komprensiva għall-kontroll tal-kanser**

*Il-Parlament Ewropew,*

- filwaqt li kkunsidra ir-Regola 116 tar-Regoli tiegħu tal-Proċedura,
- A. billi skond it-Trattati, il-Komunità hija mitluba li jkollha sehem attiv, fil-qasam tas-saħħa filwaqt li tħares il-prinċipju ta' sussidjarjetà,
- B. billi l-kanser jibqa' l-kawża dominanti li twassal għall-mewt fl-Ewropa,
- C. billi llum nafu li 1 minn 3 mill-kansers kollha jista' jkun pprevenut u li 1 minn 3 mill-kansers kollha jista' jinstab fil-bidu u għaldaqstant dan iwassal għal trattament b'suċċess,
1. Jemmen li jekk il-kanser jiġi indirizzat minn strateġija komprensiva, dan dalwaqt ma jibqax il-kawża dominanti li twassal għall-mewt;
  2. Jitlob lill-Kunsill u lill-Kummissjoni sabiex jifformulaw strateġija komprensiva li tindirizza l-4 elementi bażiċi għall-kontroll tal-kanser:
    - a. prevenzjoni,
    - b. sejbien fil-bidu,
    - c. dijanjosi, trattament u tkomplija,
    - d. kura li ttaffi l-uġiġħ;
  3. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex tagħmel reviżjoni tal-leġiżlazzjoni u l-ħidmiet tal-Komunità billi ttejjibhom u timmodifikahom skond progressi xjentifiċi ġodda;
  4. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex:
    - thegħgeġ ir-riċerka u l-innovazzjoni fil-qasam tal-prevenzjoni primarja u s-sejbien fil-bidu tal-kanser,
    - tmexxi 'l quddiem kampanji rilevanti ta' taġħrif għall-pubbliku ġenerali u għall-fornituri kollha tas-saħħa,
    - tiżgura li jkun hemm inċentivi kemm għall-industrija kif ukoll għar-riċerkaturi fil-leġiżlazzjoni Komunitarja sabiex tkun żgurata riċerka kontinwa, ikunu ggarantiti ġenerazzjonijiet ġodda ta' mediċini u terapiji ġodda għall-ġlieda u l-kontroll tal-kanser,
    - tiżgura permezz ta' netwerks it-tixrid ta' l-aqwa Prattika sabiex tkun żgurata għaċ-ċittadini l-aħjar terapija disponibbli;
  5. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex iressaq din id-dikjarazzjoni, flimkien ma' l-ismijiet tal-firmatarji, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.